MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 133/2008

**Talba Nru: 133/08 PBC**

**Carmelo u Mary konjugi Falzon
K.I. 1006349(M) u K.I. 509651(M) rispettivament**

**-vs-**

**Emanuel u Ursula konjugi Schembri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett elef, hames mija u tmintax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€3,518.65) – (Lm1,510.56) liema ammont huwa rapprezentanti bilanc dovut lill-atturi fuq bejgh ta' vettura ta' l-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni DBJ-306, liema somma baqghet ma

thallsitx mill-konvenuti ghalkemm interpellati gudizzjarjament ghall-hlas permezz ta' ittra gudizzjarja datata 10 ta' Jannar, 2008.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef, hames mija u tmintax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€3,518.65) – (Lm1,510.56), bl-imghax mid-data ta' notifika ta' l-avviz.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------